



Brussell, 5 ta' Frar 2025
(OR. en)

5754/25
ADD 1

FIN 112
PE-L 5

NOTA

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023

- *Adozzjoni*
- *Approvazzjoni ta' ittra*

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali
tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2023

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 319 tiegħu,

Wara li wettaq l-eżami previst fl-Artikolu 319(1) TFUE,

Billi:

(1) Skont il-kont tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2023:

- id-dħul ammonta għal EUR 248 360 670 365,71
- in-nefqa mħallsa mill-appropriazzjonijiet
ammontat għal EUR 236 738 815 235,83
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament ikkanċellati
riportati mis-sena *n-1* ammontaw għal EUR 4 224 049,58
- l-appropriazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena *n+1* (inkluż id-dħul assenjat)
ammontaw għal
ammontaw għal EUR 11 062 142 505,94
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-EFTA riportati mis-sena *n-1*
ammontaw għal EUR 6 472 913,79
- il-bilanċ tad-differenzi fir-rati tal-kambju ammonta għal EUR 77 627 504,57
- il-bilanċ pożittiv tal-baġit ammonta għal EUR 635 091 265,30

- (2) EUR 2 447 374 972,12 (99,83 %) mill-EUR 2 451 599 021,70 f'approprjazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena 2023 ġew użati;
- (3) L-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2023 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma ANNESSI għal dan id-dokument;
- (4) Għall-Kunsill huwa importanti li l-kummenti tiegħu jiġu segwiti u jassumi li l-Kummissjoni ser timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha b'mod sħiħ, mingħajr dewmien;
- (5) Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar rapporti speċjali mfasslin mill-Qorti fl-2023 u l-2024 fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;
- (6) B'segwitu għall-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023 meħuda globalment, abbażi tal-osservazzjonijiet magħmulin mill-Qorti tal-Awdituri, hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' tali implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-dokumenti 6755/24, 7014/24, 8871/24, 9639/24, 10358/24, 11235/1/24 REV 1, 11367/24, 11521/24, 11944/24, 12260/24, 12261/24, 14849/24, 15152/24, 15924/24, 16902/24, 16981/24, 16985/24, 16991/24 u 17000/24.

INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-Dikjarazzjoni ta' Aċċertament dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, kif ukoll is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awditu pprovduti. Il-Kunsill jagħti importanza kbira lill-ħidma f'awditu indipendenti mwettqa mill-Qorti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 TFUE, u b'mod speċifiku lill-kompitu ewlieni li tingħata Dikjarazzjoni ta' Aċċertament dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u tiġi eżaminata l-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq.
2. Il-Kunsill jilqa' wkoll is-sejba tal-Qorti li l-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE, kif ukoll l-opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-2023 għas-sbatax-il sena wara xulxin. Il-Kunsill jilqa' wkoll li d-dħul għall-2023 instab li kien legali, regolari u ħieles minn żball materjali.
3. Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih għaż-żieda ta' tħassib fil-livell ta' żball stmat irrapportat mill-Qorti fl-infiq tal-baġit tal-UE u li, għall-ħames sena konsekuttiva, inħarġet opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Il-Kunsill jieħu nota li dwar in-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tal-2023 il-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata.
4. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejbiet tal-Qorti, jappoġġa l-bieċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kont tagħhom kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.
5. Il-Kunsill jappella kemm lill-Qorti kif ukoll lill-Kummissjoni biex ikomplu l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE, li huwa kejl tal-valur reali li jasal għand iċ-ċittadini tal-UE u għalhekk element importanti tal-evalwazzjoni annwali tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE. Speċifikament, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, fejn applikabbli, iżżid l-enfasi fuq indikaturi tal-prestazzjoni bbażati fuq ir-riżultati li jistgħu jkunu marbuta direttament mal-azzjonijiet tal-UE.

6. Minkejja l-appelli ripetuti mill-Kunsill u ż-żieda fl-importanza politika ta' diversi intestaturi ta' nefqa, il-Qorti għal darb'oħra ma ppreżentatx livell ta' żball għal kull kapitolu, billi ma għamlet l-ebda bidla f'dan ir-rigward meta mqabbla mar-rapporti preċedenti relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn is-snin f'kull qasam ta' politika, jilqa' l-impenn tal-Qorti li tippreżenta livell ta' żball għall-qasam ta' politika "Viċinat u d-Dinja" għas-sena 2024 u 'l quddiem, u jistieden lill-Qorti tipprovdi rati ta' żball rappreżentattivi għall-intestaturi kollha.
-

KAPITOLU 1

ID-DIKJARAZZJONI TA' AĊĊERTAMENT U INFORMAZZJONI ĠUSTIFIKATTIVA

- 1.1. Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni favorevoli mogħtija mill-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropew (minn hawn 'il quddiem "il-kontijiet") għas-sena finanzjarja 2023 u jilqa' wkoll id-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fil-31 ta' Diċembru 2023, u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-fluss ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li għalqet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u mar-regoli tal-kontabbiltà bbażati fuq standards ta' kontabbiltà aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.
- 1.2. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-fatt li d-dħul sottostanti għall-kontijiet għall-2023 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, bħal fi snin preċedenti.
- 1.3. Madankollu, il-Kunsill huwa mħasseb li, għall-ħames sena konsekuttiva, il-Qorti ħarġet opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa, jirrikonoxxi d-deterjorament fil-livell ta' żball f'xi wħud mill-intestaturi tan-nefqa, u jenfasizza li livell baxx ta' żball stmat jappoġġa l-preservazzjoni tal-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fl-istituzzjonijiet Ewropej.
- 1.4. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti fl-2023 żdied għal 5,6 % minn 4,2 % fl-2022, u dan kompli jiddevja mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Barra minn hekk, il-Kunsill jiddispjaċih għaż-żieda fil-livell ta' żball stmat fin-nefqa b'riskju għoli minn 6,0 % fl-2022 għal 7,9 % fl-2023. Il-Kunsill jinnota li proporzjon sostanzjali tan-nefqa awditjata mill-Qorti, 64,4 %, prinċipalment nefqa bbażata fuq rimborżi, hija materjalment affettwata minn żball. Il-Kunsill jieħu nota wkoll li r-riskju fil-waqt tal-pagament stmat mill-Kummissjoni jibqa' bir-rata mhux mibdula ta' 1,9 % mis-snin preċedenti għal dak li jikkonċerna l-aktar il-programmi tal-QFP 2014-2020, filwaqt li r-riskju fil-waqt tal-għeluq, wara li titqies il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni, huwa stmat għal 0,9 %. Il-Kunsill jinnota li l-Qorti osservat limitazzjonijiet fil-kontrolli ex post tal-Kummissjoni li jaffettwaw ir-robustezza tal-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni.

- 1.5. Il-Kunsill ifakkar li l-livell ta' żball stmat tal-Qorti mhuwiex miżura ta' frodi, ineffiċjenza jew ħela ta' fondi fih innifsu, iżda ta' pagamenti li ma sarux f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli. Il-Kunsill jinnota li fl-2023, il-Qorti rrappurtat lill-OLAF 20 każ ta' suspett ta' frodi.
- 1.6. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħidma mwettqa mill-korpi tal-awditjar fid-detezzjoni tal-iżbalji u tal-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, kif ukoll l-isforzi kontinwi u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kunsill jirrikonoxxi n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fil-ħidma ta' xi awtoritajiet tal-awditjar. Abbażi tas-sejbiet tal-Qorti, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-partijiet ikkonċernati involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE biex ikomplu jtejbu l-ħidma tagħhom.
- 1.7. Il-Kunsill jenfasizza li, sabiex jinkiseb tnaqqis tar-rati ta' żball u tiġi żgurata ġestjoni effettiva u korretta tal-fondi tal-UE, leġislazzjoni inkluż miżuri implimentattivi rilevanti aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar prevedibbli għandhom jibqgħu prijorità ewlenija. Il-Kunsill, għalhekk, jappella lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-programm fejn rilevanti biex jidentifikaw, jivvalutaw u jissimplifikaw regoli u proċeduri kumplessi bla bżonn, kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-benefiċjarji, filwaqt li jippreservaw l-istandards u r-rekwiżiti essenzjali meħtieġa għall-obbligu ta' rendikont, il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-legalità u r-regolarità tal-infiq.
- 1.8. Għalkemm il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Qorti u l-Kummissjoni għandhom mandati differenti u għalhekk approċċi differenti fl-istima tal-iżbalji, il-Kunsill huwa mħasseb dwar il-grad ta' differenzi taż-żewġ istituzzjonijiet fl-interpretazzjoni tal-istess standards, leġislazzjoni, fatti u regoli. Il-Kunsill jistieden lill-istituzzjonijiet biex ikomplu d-djalogu, u jappella lill-Kummissjoni biex tinvolvi b'mod attiv lill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar ukoll, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-ħidma tagħhom, jiġu skambjati l-aħjar Prattiki u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

1.9. Meta jitqies li l-programmi ta' nfiq u s-sistemi ta' kontroll relatati, kif ukoll iċ-ċikli ta' ġestjoni, ikopru diversi snin, il-Kunsill jinnota li l-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri applikati mill-Kummissjoni jistgħu jwasslu biex il-livell ta' żball jinġieb taħt il-materjalità. Il-Kunsill jinnota wkoll il-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni li l-indikatur li jirrappreżenta bl-aħjar mod l-azzjonijiet kollha meħuda kemm mill-Istati Membri kif ukoll mis-servizzi tagħhom huwa r-riskju fl-għeluq, li jkejjel il-livell ta' żball li jifdal ladarba jkunu saru l-kontrolli ex post u l-korrezzjonijiet addizzjonali kollha, filwaqt li l-approċċ tal-Qorti, f'konformità mal-mandat tagħha, jiffoka fuq mument partikolari. Il-Kunsill huwa mħasseb li d-differenza fir-rati ta' żball tal-Qorti (5.6 %) u tal-Kummissjoni (1.9 %) kienet qed tiżdied kull sena.

KAPITOLU 2
ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

- 2.1. Il-Kunsill jieħu nota tal-implimentazzjoni kważi sħiħa tal-baġit tal-impnġi u l-pagamenti disponibbli fl-2023.
- 2.2. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar bil-livell għoli ta' rekord ġdid għall-impnġi baġitarji pendenti fl-2023, filwaqt li jieħu nota taż-żieda li hija parzjalment dovuta għall-impnġi relatati mal-istrument NextGenerationEU (NGEU).
- 2.3. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-valutazzjoni tal-Qorti rigward l-esponiment akbar tal-baġit tal-UE bħala riżultat tas-self imwettaq għal ħtiġijiet addizzjonali b'reazzjoni għal kriżijiet multipli. Għalhekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib dan ir-riskju, biex tillimita l-ħruġ ta' bonds u kambjali għall-ammonti legalment obligatorji u b'rati minimi tal-imgħax, kif ukoll biex iżżomm lill-Istati Membri infurmati mill-qrib u bir-reqqa dwar l-istimi tagħha.
- 2.4. Il-Kunsill jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-inflazzjoni għolja kompliet taffettwa l-baġit tal-UE, jieħu nota tar-rakkomandazzjoni 2.1 tal-Qorti u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni baġitarja tal-fondi b'ġestjoni kondiviża u taħdem mal-Istati Membri sabiex tiżgura implimentazzjoni bla xkiel.

KAPITOLU 3
KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE

- 3.1. Il-Kunsill jinnota li għall-2023, il-valutazzjoni tal-Qorti tal-prestazzjoni tal-baġit tkopri ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati u l-messaġġi ewlenin tar-rapporti speċjali tal-2023 tagħha dwar il-prestazzjoni, inkluż informazzjoni relatata mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Il-Qorti vvalutat ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li għamlet fir-rapport tagħha tal-2020 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE u fir-rapporti speċjali tagħha ppubblikati fl-2020.
- 3.2. Il-Kunsill jinnota l-intenzjoni tal-Qorti li teżamina kif il-Kummissjoni rrapportat dwar il-prestazzjoni f'intestaturi differenti tal-QFP b'rotazzjoni matul is-snin ta' wara.
- 3.3. Fir-rigward tal-intestatura 4 "Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri" analizzata għas-sena attwali, il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti dwar il-qafas imtejjeb ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni għall-perjodu attwali tal-QFP, kif ukoll progress tajjeb fil-kisba tal-miri.
- 3.4. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejbiet tal-awditi tal-Qorti u jilqa' l-ewwel azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti speċjali tal-2023 tal-Qorti.

KAPITOLU 4

DĦUL

- 4.1. Il-Kunsill jilqa' l-parti tad-dħul tal-baġit ma kinitx affettwata minn żball materjali fl-2023 u li s-sistemi eżaminati relatati mad-dħul ġew ivvalutati bħala ġeneralment effettivi.
- 4.2. Madankollu, xi wħud mill-kontrolli interni ewlenin tar-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) f'ċerti Stati Membri, xi wħud mill-elementi għall-ġestjoni tar-riżervi tal-ING u tal-VAT, il-punti miftuħa tal-RPT fil-Kummissjoni, u s-sistemi għall-iżgurar tal-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-data għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik ġew ivvalutati bħala parzjalment effettivi.
- 4.3. Il-Kunsill jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-ħidma ta' verifika tal-Kummissjoni fuq l-ING hija affettwata minn dewmien min-naħa tal-Istati Membri u jieħu nota tar-rakkomandazzjoni rilevanti tal-Qorti dwar l-applikazzjoni tal-imgħax ta' inadempjenza meta r-riżervi tal-ING ma jiġux indirizzati kompletament sal-iskadenza. Fir-rigward ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Kunsill jirrikonoxxi l-fehma tal-Kummissjoni għar-riżervi tal-ING li tneħħew fis-sena 2023, il-kalkolu tal-imgħax ta' inadempjenza jikkonforma mar-regolamenti fis-seħħ.
- 4.4. Il-Kunsill jinnota wkoll id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi azzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni li kienu qed jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-diskrepanza doganali.
- 4.5. Konxju mill-importanza ta' applikazzjoni uniformi tal-kontrolli tar-RPT fl-UE kollha, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tivverifika l-progress li sar mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-kriterji u l-istandards komuni tar-riskju finanzjarju (FRC), tagħti prijorità lill-elementi li għandhom jiġu implimentati, u tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-FRC mingħajr dewmien.

4.6. Il-Kunsill jerġa' jħeġġeġ lill-Kummissjoni, li sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-Istati Membri, tkompli tinvolvi ruħha fi djalogu mal-Istati Membri b'każijiet miftuħa ta' sottovalutazzjoni sabiex tagħlaqhom, u tikkalkula mill-ġdid malajr kemm jista' jkun it-telf finali tar-RPT attribwibbli għall-bqija tal-Istati Membri, li jirriżulta mis-sentenza dwar ir-Renju Unit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Marzu 2022.

KAPITOLU 5
SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI

- 5.1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti żdied minn 2,7 % fl-2022 għal 3,3 % fl-2023 u baqa' ferm oġhla mil-livell limitu ta' materjalità. Il-Kunsill jinnota wkoll li l-Kummissjoni stmat ir-riskju fil-waqt tal-pagament għall-qasam ta' politika "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" għal 1,4 % u r-riskju fil-waqt tal-għeluq għal 1,0 %, taħt il-livell limitu ta' materjalità.
- 5.2. Il-Kunsill jinnota li n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni hija l-aktar waħda milquta mill-iżbalji relatati mal-kostijiet tal-persunal u jiddispjaċih dwar il-persistenza tagħhom. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq rata ta' żball taħt il-livell limitu ta' materjalità. Il-Kunsill jinnota wkoll ir-rimarka tal-Qorti li parti kbira mir-rata ta' żball hija dovuta għal regoli kumplessi rigward il-kostijiet tal-persunal u li l-kalkolu minn xi aspetti ma sarax aktar sempliċi fil-qafas ta' Orizzont Ewropa. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza din il-kwistjoni.
- 5.3. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-osservazzjoni tal-Qorti relatata mal-fatt li l-SMEs u l-parteciċipanti ġodda huma aktar suxxettibbli għal żbalji minn benefiċjarji oħra u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tindirizza din il-kwistjoni.
- 5.4. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni dwar Orizzont Ewropa biex tiċċara aktar ir-regoli u l-metodi għall-kalkolu tar-rati ta' kuljum għall-kostijiet tal-persunal, li jibqa' sors ewlieni ta' żbalji fid-dikjarazzjonijiet tal-kost. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat din ir-rakkomandazzjoni.

KAPITOLU 6
KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI

- 6.1. Il-Kunsill jiddispjaċih għaż-żieda ta' tħassib tal-livell ta' żball stmat irrappurtat mill-Qorti għal pagamenti fil-qasam tal-politika "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" minn 6,4 % fl-2022 għal 9,3 % fl-2023, biex b'hekk tbiegħed aktar mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni stmat ir-riskju fil-waqt tal-pagament għal dan il-qasam ta' politika għal 2,6 % u r-riskju fil-waqt tal-għeluq għal 1,2 %, taħt il-livell limitu ta' materjalità. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-programm biex jieħdu passi ulterjuri biex inaqqsu l-livell ta' żball fil-futur.
- 6.2. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Kummissjoni u l-Qorti għandhom rwoli differenti fil-katina ta' kontroll tal-baġit tal-UE, b'enfasi differenti fuq il-verifika tan-nefqa. Il-Kunsill jinnota li għal għadd ta' żbalji kwantifikabbli identifikati mill-Qorti għall-kapitolu, il-Kummissjoni ma tikkondividix il-valutazzjoni tal-Qorti tal-fatti, jew l-interpretazzjoni tar-regoli nazzjonali jew speċifiċi għall-programm applikabbli.
- 6.3. Il-Kunsill jinnota li l-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament għall-programmi ta' koeżjoni huwa ta' natura annwali kif ukoll pluriennali. Filwaqt li r-regoli attwali huma mibnija madwar sistema bbażata fuq l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tal-kontijiet annwali, il-programmi jkopru diversi snin. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-UE, tistabbilixxi strateġiji ta' kontroll pluriennali mfassla biex jipprevjenu l-iżbalji u, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jidentifikawhom u tapplika korrezzjonijiet qabel l-għeluq tal-programmi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli twettaq kontrolli mmirati speċifiċi fl-awditi tagħha tal-għeluq tal-perjodu 2014-2020, biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu applikaw il-korrezzjoni finanzjarja meħtieġa għal żbalji identifikati f'sena kontabilistika partikolari, li jaffettwaw ukoll in-nefqa fi snin kontabilistiċi oħra. Il-Kunsill jinnota l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li ma hemm l-ebda skadenza regolatorja biex il-baġit tal-UE jkompli jiġi protett u li l-korrezzjonijiet xorta jistgħu jseħħu ħafna snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni jew l-għeluq ta' programm.

- 6.4. Fl-2023, diversi fatturi poġġew pressjoni addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, inkluż riżorsi addizzjonali ta' REACT-EU, u d-data ta' tmiem tal-31 ta' Diċembru 2023 għall-perjodu ta' eliġibbiltà għall-koeżjoni 2014-2020, li għal dawn l-aħħar ftit snin jikkoinċidi mal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-RRF, u b'hekk jiżdied ir-riskju rigward il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li l-infiq ikun regolari u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.
- 6.5. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejba tal-Qorti li l-introduzzjoni ta' 100 % tal-finanzjament tal-UE fil-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni ppermettiet rispons rapidu għal ċirkostanzi mhux previsti. Il-Kunsill jieħu nota li t-tranżazzjonijiet ta' finanzjament 100 % mill-UE kkontribwew għar-rata ta' żball għal dan il-kapitolu b' 5 % u jinnota li l-probabbiltà ta' żball f'dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet u l-impatt tagħha fuq ir-rata ta' żball ġenerali jeħtieġu aktar osservazzjoni fis-snin li ġejjin.
- 6.6. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforz biex jiġu ssimplifikati l-programmi ta' koeżjoni, b'mod partikolari għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, permezz ta' użu akbar ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati u finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-programm biex ikomplu jindirizzaw żbalji rikorrenti u jxerrdu Prattiki tajbin bil-ħsieb li jitnaqqsu l-okkorrenza u l-impatt tal-infiq irregolari.
- 6.7. Il-Kunsill jiddispjaċih ukoll li l-Qorti għadha tosserva nuqqasijiet fil-ħidma ta' xi awtoritajiet tal-awditjar. Il-Kunsill jinnota li l-proporzjon tan-nefqa koperta minn pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżball residwu ta' aktar minn 2 % stabbilizza għal 61 %. F'dan ir-rigward, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar u t-titjib miksub sa issa, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, biex fejn possibbli, tieħu aktar passi biex tgħin fil-mitigazzjoni tar-riskju għoli ta' żball u taħdem flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar sabiex issib l-aktar metodi adatti għall-verifika tal-affidabbiltà tal-awtodikjarazzjonijiet maħruġa mill-benefiċjarji.

KAPITOLU 7
RIŻORSI NATURALI U AMBJENT

- 7.1. Il-Kunsill jinnota li l-livell ta' żball stmat irrappurtat mill-Qorti għal pagamenti fil-qasam tal-politika "Riżorsi naturali" baqa' stabbli fil-livell ta' 2,2 %, u jiddispjaċih li l-livell ta' żball jeċċedi l-livell limitu ta' materjalità. Il-Kunsill jinnota wkoll li l-Kummissjoni tirrapporta riskju mhux materjali fil-waqt tal-pagament għal dan il-qasam ta' politika u li r-riskju fil-waqt tal-għeluq huwa stmat mill-Kummissjoni għal 0,5 %, anqas mil-livell ta' materjalità.
- 7.2. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-miżuri korrettivi applikati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri naqqsu l-livell ta' żball stmat b'0,5 punti perċentwali, filwaqt li jinnota li l-livell ta' żball għal dan il-kapitolu seta' kien 1,0 punti perċentwali aktar baxx li kieku ntużat l-informazzjoni kollha disponibbli. Għalhekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri u tintensifikah sabiex jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji, filwaqt li jifhares proporzjon livell ta' kostijiet-benefiċċji.
- 7.3. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-pagamenti diretti, li jammontaw għal 65 % taħt l-intestatura "Riżorsi naturali" tal-QFP, kienu għal disa' snin konsekuttivi, ħielsa minn żball materjali.
- 7.4. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-biċċa l-kbira tal-infiq fuq l-iżvilupp rurali huma aktar kumplessi milli għall-pagamenti diretti, u r-riskju ta' żball huwa ogħla.
-

KAPITOLU 8

MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI, SIGURTÀ U DIFIŻA

- 8.1. Il-Kunsill jinnota li, fir-rigward tal-intestatura 4 "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" u l-intestatura 5 "Sigurtà u Difiża", l-awditu tal-Qorti reġa' ma kienx rappreżentattiv tan-nefqa taħt dawn iż-żewġ intestaturi, minkejja r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kunsill. Konsegwentement, il-Qorti ma stmatx ir-rati ta' żball għal dawn l-intestaturi. Fid-dawl tal-fokus politiku akbar fuq dawn l-oqsma ta' politika u l-baġit dejjem jikber tagħhom, il-Kunsill itenni t-talba tiegħu lill-Qorti biex tinkludi kampjun rappreżentattiv fl-ambitu tal-awditjar tagħha u tipprovdi rata ta' żball għal dawn iż-żewġ intestaturi fis-snin li ġejjin.
- 8.2. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni sa issa u jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal aktar gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni tal-finanzjament tad-DG HOME permezz ta' ġestjoni kondiviża.
- 8.3. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-istabbiliment tal-faċilitajiet tematiċi għall-perjodu tal-QFP 2021-2027 u l-implimentazzjoni tal-metodoloġiji ta' allokazżjoni kienu konformi mar-rekwiżit tar-regolamenti rilevanti.

KAPITOLU 9
IL-VIĊINAT U D-DINJA

- 9.1. Il-Kunsill jiddispjaċih li, minkejja r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu, l-eżami tal-Qorti reġa' ma kienx rappreżentattiv tal-infiq taħt din l-intestatura u, konsegwentement, il-Qorti ma pprovdietx livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu. Għaldaqstant, il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Qorti biex tkopri kampjun rappreżentattiv f'dan il-qasam ta' riskju għoli u tipprovdi rata ta' żball għal din l-intestatura fis-snin ta' wara, mill-2024.
- 9.2. Il-Kunsill jinnota li l-Qorti, skont it-TFUE, hija intitolata li tirċievi aċċess sħiħ, mhux limitat u f'waqtu għad-dokumenti meħtieġa għat-twettiq tal-kompitu tagħha. Għaldaqstant il-Kunsill jiddispjaċih li għad hemm diffikultajiet fl-awditu ta' xi organizzazzjonijiet internazzjonali, li fir-rigward tagħhom ingħata biss aċċess limitat għad-dokumenti.
- 9.3. Meta jitqiesu l-iżbalji li nstabu fi tranżazzjonijiet relatati ma' kuntratti taħt ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet ivvalutati mill-pilastri, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-verifiki u l-kontrolli għall-finanzjament tal-UE f'azzjonijiet esterni.

KAPITOLU 10
AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

- 10.1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li n-nefqa amministrattiva u relatata tal-istituzzjonijiet tal-UE baqgħet, bħal fi snin preċedenti, ħielsa minn żball materjali. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li lanqas ir-rapporti annwali dwar l-attività rieżaminati mill-Qorti ma identifikaw livelli materjali ta' żball.
- 10.2. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-Qorti osservat dgħufijiet fil-ġestjoni tal-appropriazzjonijiet tal-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew u nuqqas ta' konformità persistenti tal-proċeduri ta' akkwist tiegħu mar-Regolament Finanzjarju.
- 10.3. Il-Kunsill jinnota l-inizjattivi meħuda mill-Parlament Ewropew għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi u jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti indirizzata lill-Parlament Ewropew biex tiġi żviluppata strateġija kontra l-frodi fl-istituzzjonijiet kollha u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tagħha fl-organizzazzjoni kollha.
- 10.4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-iżbalji identifikati mill-Qorti fil-pagamenti tal-Kummissjoni, inkluż in-nuqqas li jiġi applikat it-tnaqqis tat-taxxa tal-UE minħabba difett fis-sistemi tal-IT sottostanti u pagament żejjed għal xogħlijiet ta' bini. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri u s-sistemi tagħha biex jiġu evitati tali nuqqasijiet fil-futur.
- 10.5. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejbiet tal-Qorti dwar dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist tad-Delegazzjonijiet tal-UE. Il-Kunsill jappella lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex ittejjeb il-proċeduri tiegħu sabiex jiġu evitati iżbalji fil-futur.
- 10.6. Il-Kunsill jinnota żieda ta' 12,7 % f'obbligazzjoni għal pensjoni u benefiċċji oħra tal-impjegati (minn EUR 80,6 biljun fl-2022 għal EUR 90,8 biljun fi tmiem l-2023).

KAPITOLU 11
FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

- 11.1. Il-Kunsill huwa mħasseb li l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata dwar in-nefqa tal-RRF fl-2023, simili għall-2022, abbażi tal-valutazzjoni tal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri, kif definiti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill bħala kundizzjoni għall-pagament.
- 11.2. Il-Kunsill jieħu nota li 16 mit-325 objettiv intermedju u 127 mira eżaminati mill-Qorti, li jikkonċernaw 7 minn 23 pagament ta' għotjiet taħt l-RRF, tqiesu affettwati minn sejbiet kwantitattivi, b'mod partikolari relatati mat-twettiq mhux sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, is-sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti u d-data tal-bidu tal-eliġibbiltà.
- 11.3. Il-Kunsill huwa mħasseb bid-differenzi fl-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Qorti dwar is-sejbiet kwantitattivi kollha rrapportati. Il-kundizzjonijiet tal-pagament u tal-eliġibbiltà huma kwistjonijiet kruċjali għall-implimentazzjoni tal-RRF. Il-Kunsill jindika l-importanza tal-kooperazzjoni istituzzjonali lejn fehim komuni tal-qafas legali biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-RRF, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-RRF.
- 11.4. Il-Kunsill iwissi dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni matul l-implimentazzjoni, li ma għandhiex twassal għal regoli ġodda jew kundizzjonijiet aktar restrittivi imposti ex post fuq l-Istati Membri.
- 11.5. Il-Kunsill iħegġegħ lill-Kummissjoni biex trawwem titjib possibbli, bħas-simplifikazzjoni u l-kjarifika tar-regolamenti f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, iżda wkoll iżżomm il-flessibbiltà biex jinbidlu l-pjanijiet nazzjonali f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament RRF, u biex iżżid l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri kollha sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-RRF fis-snin li ġejjin. B'dan il-mod, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-piż amministrattiv għall-Istati Membri, billi tapplika l-prinċipju tal-proporzjonalità fil-ħruġ ta' linji gwida riveduti dwar l-implimentazzjoni u jappella liż-żewġ istituzzjonijiet biex jieħdu kont tal-proporzjonalità fit-twettiq tal-kontrolli.